MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 962/2006/1

**Desmond Mizzi u D.M Holdings Limited**

**v.**

**Dr. Tonio Fenech, Dr. Louis Cassar Pullicino bhala mandatarju specjali tal-assenti Steve Orton u Tonio Zarb f'ismu proprio kif ukoll in rapprezentanza tad-ditta KPMG u b'digriet tal-21 ta' Frar 2007, il-Qorti laqghet it-talba biex jintervjenu fil-kawza Joseph Vincent sive Jovan Mizzi u martu Gabrielle Mizzi u Unitrade Limited u b'digriet tas-7 ta' Dicembru 2010 Dr. Vincent Galea assuma l-atti tal-kawza bhala kuratur ghall-assenti Steve Orton minflok Dr. Louis Cassar Pullicino**

**Il-Qorti:**

Illi dan huwa provvediment li qed jinghata fil-konfront tad-diversi lamenteli li gew sollevati dwar il-validita` tas-sentenza appellata, dik moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta’ Mejju 2010, u tal-appell innifsu.
Jaqbel li dawn l-aggravji jigu ssenjalati u trattati wiehed wiehed. F’dan l-istadju, din il-Qorti mhux se tidhol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet li ghad irid jigi dibattut jekk jigu sorvolati l-problemi ta’ natura procedurali li gew sollevati.

**I.** L-ewwel aggravju jolqot il-validita` tal-appell ghax jidher li sar minn sentenza preliminari minghajr permess mill-ewwel Qorti kif tesigi l-ligi. F’dan il-kaz, l-ewwel Qorti kellha taghti sentenza fuq l-ewwel erba’ talbiet kontenuti fir-rikors promotur, izda bis-sentenza tad-19 ta’ Mejju 2010, dik il-Qorti cahdet “it-talbiet tal-atturi li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.”

Skond l-appellanti, allura, is-sentenza ma kienitx wahda preliminari, izda finali u kwindi ma kellhomx htiega jitolbu permess ghall-appell.

Din il-Qorti kkonstatat li l-kawza, fil-qosor, kienet intiza ghal dikjarazzjoni ta’ responsabbilta` da parti tal-konvenuti, u konsegwentement, biex jigu llikwidati d-danni u kundanna ghal-hlas. Il-partijiet ftehmu li l-Qorti, ghall-ewwel, tiddeciedi biss il-kwistjoni tar-responsabbilta`, li kien il-meritu tal-ewwel erba’ talbiet. L-ewwel Qorti hekk ghamlet u sabet li l-konvenuti ma kienux responsabbli ghal xi nuqqas waqt it-twettiq tal-inkarigu moghti lilhom. L-ewwel Qorti kellha ghalhekk, tichad l-ewwel erba’ talbiet u tichad ukoll it-talbiet l-ohra, li kienu konsegwenzjali ghas-sejba ta’ responsabbilta` u tieqaf hemm.

Dik il-Qorti, minflok, cahdet it-talbiet attrici, izda xorta ddiferiet il-kawza ghall-kontinwazzjoni. Il-hsieb tal-ewwel Qorti jidher li kien li taghti decizjoni preliminari, pero`, meta cahdet “it-talbiet tal-atturi”, idderemiet il-meritu kollu tal-kawza, u ma kellhiex tiddiferixxi l-kawza ghall-

kontinwazzjoni. Dan l-izball tal-ewwel Qorti, m'ghandux, pero`, ikollu konsegwenzi fatali. Hu veru li l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi fuq ir-responsabbilta` biss, pero`, la darba ddecidiet li ma kienx hemm responsabbilta`, ma kienx hemm danni x'jigu likwidati, u l-ewwel Qorti kellha, ghalhekk, tghaddi biex tichad ukoll it-talbiet l-ohra immirati ghall-kundanna ta' hlas tad-danni. Dan kellha taghmlu espressament u lanqas ma kellha tiddiferixxi l-kawza ghal-kontinwazzjoni stante d-decizjoni taghha. Jibqa' l-fatt li jekk decizjoni hijiex preliminari jew finali ma jiddipendix biss fuq kif tqis id-decizjoni taghha l-Qorti, izda mill-effett taghha fuq il-partijiet u l-kaz. Fil-fatt, din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kaz **Tabone v. Buhagiar**, deciza fl-20 ta' Novembru 2009, kienet ga` osservat:

"…*illi n-natura definittiva jew parzjali ta' sentenza tipprexxindi minn kull kwalifika li joghgbu jaghtiha l-gudikant li emettiha."*

Meta l-ewwel Qorti tat sentenza li biha cahdet it-talba tal-atturi ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilta` fil-konfront tal-konvenuti, ma kien hemm xejn aktar li jsir ghax l-effett ta' dik is-sentenza hija c-cahda totali tat-talbiet attrici. Is-sentenza, kwindi, kienet wahda finali - kif intqal fid-dispozittiv tas-sentenza – u ma kienx hemm il-htiega ta' permess biex jitressaq appell. L-ewwel Qorti trid issa tiehu provvedimenti biex ma thallix il-kawza tidher aktar fuq il-lista taghha, ghax il-kawza giet fil-fatt deciza. Kwindi, la darba l-effett tas-sentenza tal-ewwel Qorti kien iwassal ghac-cahda totali tat-talbiet attrici, l-appell hu validu u qed jigi ghalhekk respint l-aggravju marbut mal-validita` tieghu.

**II.** L-atturi appellanti ressqu aggravju li jolqot l-validita` tas-sentenza, ghax l-ewwel Qorti, fis-sentenza finali taghha, laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u dan avolja li bis-sentenza tas-27 ta' Gunju 2007, hi kienet gia` cahdet l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni. Hu veru li hemm din l-iskorettezza fis-sentenza, pero`, hu car li l-Qorti ma kellha ebda hsieb tikkontradixxi lilha nfisha. L-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni giet michuda b'sentenza preliminari tal-istess Qorti, u meta giet biex tiddeciedi l-

meritu, hi ttrattat l-eccezzjonijiet l-ohra, u kienu dawn li gew abbracjati mill-ewwel Qorti. Fil-fatt, fid-dispozittiv taghha, il-Qorti qalet li kienet qed tilqa' l-eccezzjonijiet "konformement mas-suespost", u cioe` li kienet qed tilqa' dawk l-eccezzjonijiet minnha trattati f'dik is-sentenza. Bis-sentenza finali taghha tad-19 ta' Mejju 2010, l-ewwel Qorti dderimiet il-kawza fid-dawl tal-eccezzjonijiet li kien ghad fadal, u kienet dawn li laqghet meta cahdet it-talbiet attrici.

**III.** L-atturi appellanti jecepixxu n-nullita` tas-sentenza peress ukoll li l-ewwel Qorti ma osservatx l-Artikolu 730 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan inghad ghax wiehed mill-konvenuti eccepixxa li d-ditta minnu rapprezentata kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress li ma kienx il-legittimu kontradittur. Eccezzjoni ta' din ix-xorta, skont l-Artikolu 730 indikat, kellha tigi deciza b'kap separat, waqt li, fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti naqset ghal kollox milli titratta u tiddeciedi tali eccezzjoni. Dan l-ilment hu bazat fuq dak li fil-fatt gara, izda ghalkemm hemm gurisprudenza li tghid li dan in-nuqqas ghandu jwassal ghan-nullita` tas-sentenza (ara per ezempju **Cassar noe et v. Cachia**, deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Dicembru 1939), f'dan il-kaz, ma jidhirx li hemm lok ghal din il-konsegwenza. Fl-ewwel lok, din l-eccezzjoni giet sollevata minn wiehed mill-konvenuti li mhux qed jilmenta bil-mod kif l-ewwel Qorti trattat (jew ma trattatx) l-eccezzoni tieghu. Ma jidhirx li l-atturi ghandhom dak l-interess guridiku mehtieg biex jilmentaw min-nuqqas tal-ewwel Qorti li jolqot direttament lill-konvenut eccipjent u mhux lilhom. Fit-tieni lok, u aktar importanti, meta l-ewwel Qorti ddecidiet li tichad it-talbiet attrici, u dan fil-meritu, ma kienx jehtiegilha tidhol biex tezamina wkoll jekk il-konvenut Tonio Zarb nomine kienx hu wkoll legittimu kontradittur ghall-azzjoni attrici. Logikament kellha tiddeciedi din il-kwistjoni qabel ma tiddiskuti l-meritu, pero`, eccezzjoni ta' din in-natura gieli tehtieg stharrig tal-meritu, u l-ewwel Qorti dehrilha li kellha tatakka l-kaz min ras il-ghajn, u darba ddecidiet, fil-meritu, li l-azzjoni attrici ma setghetx tirnexxi, setghet, kif ghamlet, tieqaf hemm, u ma tinvolvix ruhha fi kwistjonijiet ohra. La darba l-meritu kien spicca, l-ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn tezamina

wkoll kull materja ta’ natura formali; f’kaz bhal dan ma jkunx mehtieg decizjoni in vista ta’ dak deciz dwar punti ohra, u dak li jinghad fl-Artikolu 730 hu ghal kollox irrilevanti. Fid-dawl tas-sentenza tal-ewwel Qorti fil-meritu, mhux kaz li hawn il-konvenut eccipjenti sofra xi pregudizzju minhabba dan in-nuqqas, u m’hemmx lok li s-sentenza tal-ewwel Qorti tithassar.

L-aggravji l-ohra tal-atturi appellanti jolqtu l-meritu tal-kawza, specjalment l-aggravji marbuta mal-allegazzjoni li l-konvenuti agixxew *ultra vires* l-inkarigu lilhom moghti, li kisru l-obbligi fiducjarji taghhom, li naqsu milli jistabbilixxu valur tan-negozju tal-Mizzi Group skont l-inkarigu moghti lilhom, u li agixxew b’”negligenza grassa”, u, f’dan l-istadju, se jithallew impregudikati biex jigu trattati u decizi minn din il-Qorti wara li ssir l-opportuna trattazzjoni fit-termini tal-ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad l-aggravju relatat mal-validita` tal-appell u tqis l-istess appell validu, u tichad ukoll z-zewg aggravji tal-atturi appellanti dwar in-nullita` tas-sentenza appellata (dawk indikati taht paragrafu 1 fir-rikors tal-appell), u tqis l-istess sentenza valida, u tiddiferixxi l-kawza ghat-trattazzjoni tal-appell fil-meritu.

L-ispejjez marbuta ma’ din id-decizjoni jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------